**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 1237/01 AE**

**Michele Peresso Limited**

**vs**

**Alexander Zammit u Brian Sullivan ezercjenti l-kummerc bl-isem ta' Bulkies Cash & Carry**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin lira Malitja u hamsin centezmu (Lm521.50) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata lilhom.

Ra n-nota ta' cessjoni li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha cediet il-meritu tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma deherux u lanqas ma pprezentaw risposta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jikkundanna lill-konvenuti sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji (inkluzi d-drittijiet legali).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**